MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 12

L-Erbgħa 8 t'April 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ħa sehem f'laqgħa b'urġenza li saret *online* permezz ta' *video call* fuq *Facebook Messenger* nhar l-Erbgħa 8 t'April 2020 fit-3.00pm.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 12.1 Talba

12.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-3.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 12.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 12.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 11 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

12.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

12.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

12.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 12.4 Xogħol ta' servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn fejn ser isir ix-xogħol tat-tarmak.

12.4.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg, għarraf lill-membri li ssejħet din il-laqgħa b'urġenza minħabba l-fatt li wara komunikat li sar mis-Segretarju Eżekuttiv mad-Direttur Christopher Galea, il-Kunsill ma ngħatax approvazzjoni għax-xogħol addizzjonali ta' bdil tas-servizzi tad-drenaġġ fil-part ta' Triq il-Għajn fejn ser isir ix-xogħol tat-tarmak.

12.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li hekk kif maqbul fil-laqgħa tal-Kunsill numru 10 datata 25 ta' Frar 2020, il-Kunsill talab għall-approvazzjoni tad-Direttur għall-ispejjeż addizzjonali li ser isiru fil-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

proġett ta' Triq il-Għajn skont il-proċeduri tal-akkwist, minħabba li dawn l-ispejjeż jaqbżu l-15% tal-proġett.

12.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri li kien diġa' ikkomunika mas-sezzjoni tal-*monitoring* fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan ix-xogħol addizzjonali u l-proċedura tal-akkwist u uffiċċjal minn din is-sezzjoni kienu taw direttiva lill-Kunsill sabiex jieħu parir legali dwar din il-proċedura. Il-Kunsill kien ħa parir legali mill-avukat Dr Jean Paul Grech fejn ħareġ il-fatt li l-Kunsill seta' jagħti dan ix-xogħol lill-istess kuntrattur li ffirma l-kuntratt għax-xogħol tat-tarmak. Hekk kif il-Kunsill ingħata dan il-parir, informa lill-kuntrattur dwar dan u l-kuntrattur aċċetta li jagħmel dan ix-xogħol skont ir-rati tal-*framework agreement* u l-istima tal-Perit tal-Kunsill. La darba l-kuntrattur kien aċċetta, il-Kunsill ipproċeda bl-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament mal-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill ingħata l-fondi kollha għal dan ix-xogħol addizzjonali li jammontaw għal €56,868.00.

12.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li skont ir-regolamenti tal-akkwist, id-deċiżjoni finali hija l-approvazzjoni tad-Direttur li fid-diskrezzjoni tiegħu dan m'approvax li dan ix-xogħol addizzjonali jsir bl-istess kuntratt iffirmat għax-xogħol tat-tarmak.

12.4.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill għandu żewġ għażliet quddiemu; jew il-Kunsill iqabbad lill-Koproazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tagħmel hi dan ix-xogħol u jħallas lilha; jew inkella joħroġ sejħa għall-offerti biex isir dan ix-xogħol addizzjonali. Huwa ppropona li l-ewwel il-Kunsill għandu jiprova li jsir ix-xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma minħabba li hekk ma jinħeliex żmien u jkun hemm anqas spejjeż amministrattivi. Madanakollu hu qal li l-Kunsill għandu jitlob direzzjoni mid-Direttur Christopher Galea qabel ma jressaq it-talba formalment bil-miktub lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Huwa qal li s-Segretarju Eżekuttiv diġa' kellu kuntatt mal-Inġinier tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Charles Camilleri, li talbu jikteb it-talba bil-miktub biex din it-talba tiġi evalwata mis-sezzjoni amministrattiva tal-istess Korporazzjoni. Jekk din it-talba ma tiġix aċċettata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u/jew mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, l-Kunsill joħroġ is-sejħa għall-offerti.

12.4.6 Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil mill-membri fuq il-proposta tas-Sindku. Ġie deċiż ukoll sabiex ninfurmaw lill-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd dwar is-sitwazzjoni.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 12.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.5.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-3.30pm u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 30 t'April 2020 fit-3.00pm.

Konfermati, illum il- Ħamis 30 t'April 2020.

<u>IFFIRMATA</u>
Saviour Borg
Sindku

<u>IFFIRMATA</u>
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA